Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

C 96

Volum 59

Edizzjoni bil-Malti

Informazzjoni u Avviżi

11 ta' Marzu 2016

Werrej

I *Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet*

RAKKOMANDAZZJONIJIET

Il-Kunsill

2016/C 96/01 Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-8 ta' Marzu 2016 dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro 1

II *Komunikazzjonijiet*

KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

Il-Kummissjoni Ewropea

2016/C 96/02 Ebda oppożizzjoni ġhal konċentrazzjoni notifikata (Il-Każ M.7841 — Avril Pôle Animal/Tönnies International Holding/JV) [1] 4

2016/C 96/03 Ebda oppożizzjoni ġhal konċentrazzjoni notifikata (Il-Każ M.7903 — Löwen Entertainment/Safari Holding/Schmidt Gruppe Service/Gesellschaft für Spielerschutz und Prävention) [1] 4

2016/C 96/04 Ebda oppożizzjoni ġhal konċentrazzjoni notifikata (Il-Każ M.7909 — Lone Star Fund IX/N&W Global Vending) [1] 5

MT

[1] Test b'rilevanza ġhaż-ŻEE

IV *Informazzjoni*

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

Il-Kummissjoni Ewropea

2016/C 96/05 Rata tal-kambju tal-euro 6

INFORMAZZJONI MILL-ISTATI MEMBRI

2016/C 96/06 Aġġornament tal-ammonti ta' referenza għall-qsim tal-fruntieri esterni, kif imsemmi fl-Artikolu 5(3) tar-Regolament (KE) Nru 562/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi Kodiċi Komunitarju dwar ir-regoli li jirregolaw il-moviment ta' persuni minn naħa għal oħra tal-fruntieri (Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen) 7

V *Avviżi*

ATTI OĦRAJN

Il-Kummissjoni Ewropea

2016/C 96/07 Avviż dwar talba skont l-Artikolu 35 tad-Direttiva 2014/25/UE — Talba magħmula minn Entità Kontraenti 9

I

(Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet)

RAKKOMANDAZZJONIJIET

IL-KUNSILL

RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL

tat-8 ta' Marzu 2016

dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro

(2016/C 96/01)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 136, flimkien mal-Artikolu 121(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ta' pożizzjonijiet ta' *budget* u s-sorveljanza u l-koordinazzjoni ta' politika ekonomika [1], u partikolarment l-Artikolu 5(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar il-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi [2], u b'mod partikolari l-Artikolu 6(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Politika Ekonomika,

Billi:

(1) Skont it-tbassir ekonomiku tal-Kummissjoni għar-rebbiegħa tal-2015, l-irkupru ekonomiku jkompli b'pass moderat fiż-żona tal-euro. Għas-sostenn u t-tisħiħ tat-tkabbir fiż-żona tal-euro jinħtieġu sforzi kontinwati ta' politika biex jingħata appoġġ lil aġġustament bilanċjat fis-setturi privati u pubbliċi, tittejjeb il-kapaċità ta' aġġustament u jiżdiedu l-kompetittività u l-potenzjal ta' tkabbir tal-ekonomija f'terminu medju sa terminu twil. Il-pass tat-tkabbir huwa mxekkel minn konsegwenzi tal-kriżijiet ekonomiċi u finanzjarji l-aktar reċenti, inklużi l-ibbilanċjar mill-ġdid estern li għadu għaddej, livelli għoljin ta' dejn pubbliku u privat, qgħad għoli, kif ukoll riġiditajiet strutturali persistenti fis-swieq nazzjonali tax-xogħol u tal-prodotti. L-investiment jibqa' dgħajjef minħabba dawn il-fatturi, iżda wkoll minħabba ostakli oħra, bħal ambjenti kuntrarji għan-negozju, ineffiċjenzi fl-amministrazzjoni pubblika, kif ukoll ostakli għall-aċċess għall-finanzjament.

(2) Jeħtieġ li l-implimentazzjoni ta' riformi strutturali ambizzjużi li jżidu l-produttività u jagħtu spinta lill-potenzjal għat-tkabbir tissaħħaħ f'konformità mal-prijoritajiet ta' politika stabbiliti fl-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir tal-2016 mill-Kummissjoni għall-Istati Membri kollha. Jekk imwettqa b'mod konġunt fl-Istati Membri kollha, ir-riformi strutturali jistgħu joffru benefiċċji għaż-żona tal-euro kollha kemm hi permezz ta' effetti konsegwenzjali pożittivi, partikolarment permezz ta' kanali kummerċjali u finanzjarji. Minkejja xi progress b'riformi biex titjieb ir-reżiljenza tas-swieq tax-xogħol, għad hemm diverġenzi sinifikanti fiż-żona tal-euro kollha, speċjalment fir-rigward tar-rati ta' qgħad ta' dawk li ilhom ħafna żmien qiegħda u taż-żgħażagħ. Dawk l-Istati Membri li wettqu riformi komprensivi fis-suq tax-xogħol u l-protezzjoni soċjali qabel il-kriżi kienu f'pożizzjoni aħjar li jappoġġaw l-impjiegi u jippreservaw sens ta' ġustizzja matul it-tnaqqis fir-ritmu ekonomiku. Tali riformi jinkludu arranġamenti kuntrattwali flessibbli u affidabbli, strateġiji komprensivi ta' tagħlim tul il-ħajja, politiki attivi effettivi tas-suq tax-xogħol, u sistemi ta' protezzjoni soċjali adegwati u sostenibbli. Barra minn hekk, ir-riżultati jistgħu jitjiebu bit-tnaqqis tal-porzjon tat-taxxa fuq ix-xogħol, partikolarment għal dawk b'introjtu baxx, u billi jiġu żgurati sistemi ekwi ta' taxxa.

[1] ĠU L 209, 2.8.1997, p. 1.
[2] ĠU L 306, 23.11.2011, p. 25.

(3) L-iżvilupp adegwat u l-implimentazzjoni malajr ta' riformi jistgħu jgħinu biex jiġu indirizzati l-iżbilanċi eżistenti fiż-żona tal-euro kif ukoll biex tiġi evitata l-akkumulazzjoni ta' oħrajn ġodda. Id-diskussjonijiet tematiċi mill-grupp tal-euro, b'konċentrazzjoni akbar fuq il-valutazzjoni komparattiva, it-tiftix tal-aħjar prattiki u l-pressjoni tal-pari, jistgħu jikkontribwixxu biex jippromwovu l-konverġenza lejn l-aħjar prestazzjoni. Il-Grupp tal-Euro għalhekk għandu jsaħħaħ aktar id-diskussjonijiet tematiċi dwar riformi f'oqsma li huma essenzjali għall-funzjonament tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja (UEM) u jimmonitorja regolarment l-implimentazzjoni ta' riformi mill-Istati Membri li jinsabu fiż-żona tal-euro kif ukoll il-progress li jsir bil-korrezzjoni ta' żbilanċi fil-kuntest tal-proċedura ta' żbilanċi makroekonomiċi.

(4) Il-politiki fiskali huma kwistjoni ta' interess komuni vitali fl-UEM. Politiki fiskali nazzjonali responsabbli li jirrispettaw ir-regoli fiskali komuni huma essenzjali biex tkun appoġġata s-sostenibbiltà tad-dejn u biex l-istabbilizzaturi fiskali jkunu f'pożizzjoni li jaħdmu u jilqgħu ix-xokkijiet speċifiċi għall-pajjiż. Barra minn hekk, huwa essenzjali li tinkiseb pożizzjoni fiskali adatta fil-livell taż-żona tal-euro kollha kemm hi b'mod li tirrifletti bilanċ bejn is-sostenibbiltà fiskali fit-tul u l-istabbilizzazzjoni makroekonomika f'terminu qasir, u biex jiġu evitati politiki fiskali pro-ċikliċi. L-isforz fiskali meħtieġ ivarja skont il-pożizzjonijiet rispettivi tal-Istati Membri fir-rigward tar-rekwiżiti taħt il-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir (PST) u l-Istati Membri għandhom ukoll iqisu l-ħtiġijiet ta' stabbilizzazzjoni u jieħdu kont tal-effetti konsegwenzjali possibbli fiż-żona tal-euro kollha. Dan jitlob li jsir rinforz sinifikanti fil-koordinazzjoni tal-politiki fiskali fiż-żona tal-euro b'rispett sħiħ tal-PST. F'dan il-kuntest, il-pożizzjoni fiskali aggregata ġeneralment newtrali fiż-żona tal-euro mistennija fl-2016 tidher adegwata fid-dawl tal-kundizzjonijiet makroekonomiċi ġenerali u tar-riskji negattivi għat-tkabbir. Fir-rigward tal-2017, fuq il-bażi tat-tbassir ta' lakuna fl-*output* li gradwalment qed tingħalaq, il-politiki fiskali għandhom jevitaw il-proċikliċità u jnaqqsu d-dejn pubbliku biex jiġu restawrati *buffers* fiskali. Dan għandu jkun rifless fit-tħejjijiet għall-programmi ta' stabbiltà aġġornati tar-rebbiegħa tal-2016, b'kunsiderazzjoni tal-iżviluppi ekonomiċi u fiskali l-aktar reċenti. Il-kompożizzjoni tal-istrateġiji fiskali għadha mhijiex suffiċjentement favorevoli għat-tkabbir. Kif ġie enfasizzat fir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill lill-Istati Membri taż-żona tal-euro ([1]) adottata fl-14 ta' Lulju 2015, jeħtieġ li l-Istati Membri taż-żona tal-euro jorganizzaw diskussjonijiet tematiċi dwar titjib fil-kwalità u s-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi.

(5) Jeħtieġ li l-Unjoni Bankarja tiġi implimentata bis-sħiħ. L-ewwel nett, jeħtieġ li d-Direttiva 2014/59/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]) ("id-Direttiva dwar l-Irkupru u r-Riżoluzzjoni tal-Banek") tiġi kompletament trasposta mingħajr aktar dewmien mill-Istat Membri kollha. It-tieni, matul il-perijodu transizzjonali ser jiġi żviluppat mekkaniżmu komuni ta' salvagwardja finanzjarja li jkun fiskalment newtrali għall-Fond Uniku għar-Riżoluzzjoni (SRF, *Single Resolution Fund*) kif definit Regolament (UE) Nru 806/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]), u dan ser ikun kompletament operattiv sat-tmiem tal-perijodu transizzjonali, meta r-riżorsi tal-SRF ikunu mutwalizzati b'mod sħiħ. Il-progress jiġi rivedut ftit wara d-dħul fis-seħħ tal-SRF. Il-mekkaniżmu komuni ta' salvagwardja finanzjarja ser ikun ukoll fiskalment newtrali f'terminu medju u ser jiżgura t-trattament ekwivalenti fl-Istati Membri parteċipanti kollha, kif ukoll mingħajr ma joħloq ebda spiża għall-Istati Membri li ma jiħdux sehem fl-Unjoni Bankarja. Ladarba l-SRF jidħol fis-seħħ u meta l-Istati Membri parteċipanti jkunu rratifikaw il-ftehim intergovernattiv u ttrasponew bis-sħiħ id-Direttiva dwar l-Irkupru u r-Riżoluzzjoni tal-Banek, l-Istati Membri ser jieħdu kont tal-istabbiliment tal-arranġamenti ta' finanzjament tranżitorju u jikkunsidraw it-triq 'il quddiem u l-kronoloġija fir-rigward tal-ħidma fuq il-mekkaniżmu komuni ta' salvagwardja finanzjarja, biex jiġi żgurat li dan ikun kompletament operazzjonali sat-tmiem tal-perijodu transizzjonali. Fl-2016, l-Istati Membri ser ukoll jirriflettu aktar dwar il-miżuri meħtieġa sabiex l-Unjoni Bankarja tkompli tiġi approfondita. Fl-aħħarnett, bħala parti mill-iżvilupp ulterjuri tal-Unjoni Bankarja, il-Kummissjoni ħarġet fl-24 ta' Novembru 2015 il-komunikazzjoni tagħha bit-titolu "Lejn it-Tlestija tal-Unjoni Bankarja".

(6) Il-kundizzjonijiet fis-swieq finanzjarji għadhom b'mod ġenerali favorevoli fiż-żona tal-euro, fl-isfond ta' pożizzjoni ta' politika monetarja akkomodanti. Madankollu, il-fundamentali ekonomiċi li għadhom dgħajfin u l-*leverage* għoli fis-settur privat ikomplu jkunu ta' piż fuq id-domanda għal self bankarju, u b'hekk fuq it-tkabbir ekonomiku. Il-karti tal-bilanċ tal-banek għadhom taħt pressjoni mil-livelli għolja ta' self improduttiv, li jostakola l-attività tas-self. Ir-reġimi ta' insolvenza diverġenti u kultant inadegwati fl-Unjoni jikkontribwixxu għad-dewmien fit-tnaqqis tad-dejn tas-settur privat, li jżomm lura l-investiment.

([1]) Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-14 ta' Lulju 2015 dwar l-implimentazzjoni tal-linji gwida ġenerali għall-politiki ekonomiċi tal-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro (ĠU C 272, 18.8.2015, p. 98).

([2]) Direttiva 2014/59/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 li tistabbilixxi qafas għall-irkupru u r-riżoluzzjoni ta' istituzzjonijiet ta' kreditu u ditti ta' investiment u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 82/891/KEE u d-Direttivi 2001/24/KE, 2002/47/KE, 2004/25/KE, 2005/56/KE, 2007/36/KE, 2011/35/UE, 2012/30/UE u 2013/36/UE, u r-Regolamenti (UE) Nru 1093/2010 u (UE) Nru 648/2012, tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 173, 12.6.2014, p. 190).

([3]) Regolament (UE) Nru 806/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Lulju 2014 li jistabbilixxi regoli uniformi u proċedura uniformi għar-riżoluzzjoni tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u ċerti ditti tal-investiment fil-qafas ta' Mekkaniżmu Uniku ta' Riżoluzzjoni u Fond Uniku għar- Riżoluzzjoni u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1093/2010 (ĠU L 225, 30.7.2014, p. 1).

(7) Minkejja l-kisbiet reċenti fit-tisħiħ tal-arkitettura tal-UEM, għad trid tkompli l-ħidma biex titlesta. Ir-Rapport tal-Ħames Presidenti "L-ikkompletar tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja Ewropea" tat-22 ta' Ġunju 2015 imħejji mill-President tal-Kummissjoni Ewropea, f'kollaborazzjoni mill-qrib mal-Presidenti tal-Kunsill Ewropew, tal-Bank Ċentrali Ewropew, tal-Grupp tal-Euro u tal-Parlament Ewropew, jistabbilixxi t-triq 'il quddiem biex tiġi kkompletata l-UEM sal-2025. Fil-21 ta' Ottubru 2015, il-Kummissjoni adottat, konġuntement mal-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Bank Ċentrali Ewropew, "Komunikazzjoni dwar il-passi lejn l-Ikkompletar tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja" li tinkludi l-ewwel sett ta' proposti ta' segwitu għar-rapport tar-Rapport tal-Ħames Presidenti. Jeħtieġ li l-Istati Membri taż-żona tal-euro jieħdu sjieda kollettiva u jimxu 'l quddiem b'mod f'waqtu, miftuħ u trasparenti, bl-implimentazzjoni ta' inizjattivi f'terminu qasir u medju lejn l-ikkompletar tal-UEM. Bil-ħsieb li tiġi promossal-konverġenza fiż-żona tal-euro kollha, il-proposti jinkludu miżuri biex tissaħħaħ id-dimensjoni taż-żona tal-euro tas-Semestru Ewropew permezz, fost l-oħrajn, ta' pubblikazzjoni preċedenti tar-rakkomandazzjonijiet għaż-żona tal-euro, bil-ħsieb li jiġu identifikati l-isfidi komuni kmieni fil-proċess u li dan ikun rifless fil-formulazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għal kull pajjiż għall-Istati Membri taż-żona tal-euro li għandhom jiġu adottati aktar tard fis-Semestru Ewropew. L-Istati Membri taż-żona tal-euro għandhom jaħdmu wkoll, b'mod miftuħ u trasparenti, fuq inizjattivi f'terminu itwal lejn l-ikkompletar tal-UEM,

B'DAN JIRRAKKOMANDA li, fil-perijodu 2016-2017, l-Istati Membri taż-żona tal-euro jieħdu azzjoni fil-Grupp tal-Euro, b'mod individwali u kollettiv, biex:

1. Isegwu politiki li jappoġġaw l-irkupru, jippromwovu l-konverġenza, jiffaċilitaw il-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi u jtejbu l-kapaċità ta' aġġustament. Għal dan il-għan, l-Istati Membri, b'mod partikolari dawk bi stokkijiet kbar ta' dejn privat u barrani, għandhom jimplimentaw riformi li jtejbu l-produttività, irawmu l-ħolqien tal-impjiegi, iżidu l-kompetittività u jtejbu l-ambjent tan-negozju. L-Istati Membri b'bilanċi favorevoli kbar fil-kontijiet kurrenti għandhom jimplimentaw bħala prijorità, miżuri, inklużi riformi strutturali, li jgħinu fit-tisħiħ tad-domanda domestika tagħhom u l-potenzjal għat-tkabbir tagħhom.

2. Jimplimentaw riformi li jgħaqqdu: (i) kuntratti ta' xogħol flessibbli u affidabbli li jippromwovu t-transizzjonijiet bla xkiel fis-suq tax-xogħol u li jevitaw suq tax-xogħol fuq żewġ livelli; (ii) strateġiji komprensivi ta' tagħlim tul il-ħajja; (iii) politiki effettivi biex jgħinu lill-persuni qiegħda jerġgħu jidħlu fis-suq tax-xogħol; (iv) sistemi ta' protezzjoni soċjali adegwati u sostenibbli li jikkontribwixxu b'mod effettiv u effiċjenti matul iċ-ċiklu kollu tal-ħajja kemm għall-inklużjoni soċjali kif ukoll għall-integrazzjoni fis-suq tax-xogħol; u (v) swieq miftuħa u kompetittivi tal-prodotti u s-servizzi. Inaqqsu l-porzjon tat-taxxa fuq ix-xogħol, partikolarment għal dawk bi dħul baxx, b'mod li jkun newtrali għall-baġit biex jitrawwem il-ħolqien tal-impjiegi.

3. Isegwu politiki fiskali b'rispett sħiħ tal-PST. Għall-2016, l-objettiv ta' pożizzjoni fiskali aggregata li tkun ġeneralment newtrali fiż-żona tal-euro jidher xieraq sabiex jiġi rifless bilanċ bejn is-sostenibbiltà fiskali f'terminu twil u l-istabbilizzazzjoni makroekonomika f'terminu qasir. Fir-rigward tal-2017, inaqqsu d-dejn pubbliku biex jirrestawraw *buffers* fiskali u jevitaw il-proċikliċità. Jiddifferenzjaw l-isforz fiskali minn Stati Membri individwali f'konformità mal-pożizzjonijiet rispettivi tagħhom vis-à-vis r-rekwiżiti taħt il-PST filwaqt li jikkunsidraw ukoll ħtiġijiet ta' stabbilizzazzjoni, kif ukoll filwaqt li jieħdu kont tal-effetti konsegwenzjali possibbli fost l-Istati Membri taż-żona tal-euro. Għal dan l-għan, jirrieżaminaw il-pożizzjoni fiskali taż-żona tal-euro fil-kuntest tal-programmi ta' stabbiltà u tal-abbozzi ta' pjanijiet baġitarji.

4. Jiffaċilitaw tnaqqis gradwali tas-self improduttiv tal-banek u jtejbu l-proċedimenti tal-insolvenza għan-negozji u l-unitajiet domestiċi. Fi Stati Membri bi stokkijiet kbar ta' dejn privat, jippromwovu *deleveraging* ordnat, inkluż billi jiffaċilitaw ir-riżoluzzjoni ta' dejn privat li mhuwiex vijabbli.

5. Jaħdmu lejn l-ikkompletar tal-UEM b'mod miftuħ u trasparenti waqt li jappoġġaw bis-sħiħ is-suq intern, u waqt li jesploraw aktar l-aspetti legali, ekonomiċi u politiċi tal-miżuri f'terminu itwal li jinsabu fir-Rapport tal-Ħames Presidenti.

Magħmul fi Brussell, it-8 ta' Marzu 2016.

Għall-Kunsill

Il-President

J.R.V.A. DIJSSELBLOEM

II

(Komunikazzjonijiet)

KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata

(Il-Każ M.7841 — Avril Pôle Animal/Tönnies International Holding/JV)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2016/C 96/02)

Fit-3 ta' Marzu 2016 il-Kummissjoni ddeċidiet li ma topponix il-konċentrazzjoni notifikata msemmija hawn fuq u li tiddikjaraha kompatibbli mas-suq intern. Din id-deċiżjoni hi bbażata fuq l-Artikolu 6(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]). It-test sħiħ tad-deċiżjoni hu disponibbli biss bl-Ingliż u ser isir pubbliku wara li jitneħħa kwalunkwe sigriet tan-negozju li jista' jkun fih. Dan it-test jinstab:

— Fit-taqsima tal-amalgamazzjoni tal-websajt tal-Kummissjoni dwar il-Kompetizzjoni (http://ec.europa.eu/competition/mergers/cases/). Din il-websajt tipprovdi diversi faċilitajiet li jgħinu sabiex jinstabu d-deċiżjonijiet individwali ta' amalgamazzjoni, inklużi l-kumpanija, in-numru tal-każ, id-data u l-indiċi settorjali,

— f'forma elettronika fil-websajt EUR-Lex (http://eur-lex.europa.eu/homepage.html?locale=mt) fid-dokument li jġib in-numru 32016M7841. Il-EUR-Lex hu l-aċċess fuq l-Internet għal-liġi Ewropea.

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1.

Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata

(Il-Każ M.7903 — Löwen Entertainment/Safari Holding/Schmidt Gruppe Service/Gesellschaft für Spielerschutz und Prävention)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2016/C 96/03)

Fl-4 ta' Marzu 2016, il-Kummissjoni ddeċidiet li ma topponix il-konċentrazzjoni notifikata msemmija hawn fuq u li tiddikjaraha kompatibbli mas-suq intern. Din id-deċiżjoni hi bbażata fuq l-Artikolu 6(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]). It-test sħiħ tad-deċiżjoni hu disponibbli biss fil-Ġermaniż u ser isir pubbliku wara li jitneħħa kwalunkwe sigriet tan-negozju li jista' jkun fih. Dan it-test jinstab:

— fit-taqsima tal-amalgamazzjoni tal-websajt tal-Kummissjoni dwar il-Kompetizzjoni (http://ec.europa.eu/competition/mergers/cases/). Din il-websajt tipprovdi diversi faċilitajiet li jgħinu sabiex jinstabu d-deċiżjonijiet individwali ta' amalgamazzjoni, inklużi l-kumpanija, in-numru tal-każ, id-data u l-indiċi settorjali,

— f'forma elettronika fil-websajt EUR-Lex (http://eur-lex.europa.eu/homepage.html?locale=mt) fid-dokument li jġib in-numru 32016M7903. Il-EUR-Lex hu l-aċċess fuq l-Internet għal-liġi Ewropea.

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1.

Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata

(Il-Każ M.7909 — Lone Star Fund IX/N&W Global Vending)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2016/C 96/04)

Fl-4 ta' Marzu 2016, il-Kummissjoni ddeċidiet li ma topponix il-konċentrazzjoni notifikata msemmija hawn fuq u li tiddikjaraha kompatibbli mas-suq intern. Din id-deċiżjoni hi bbażata fuq l-Artikolu 6(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]). It-test sħiħ tad-deċiżjoni hu disponibbli biss fl-Ingliż u ser isir pubbliku wara li jitneħħa kwalunkwe sigriet tan-negozju li jista' jkun fih. Dan it-test jinstab:

— Fit-taqsima tal-amalgamazzjoni tal-websajt tal-Kummissjoni dwar il-Kompetizzjoni (http://ec.europa.eu/competition/mergers/cases/). Din il-websajt tipprovdi diversi faċilitajiet li jgħinu sabiex jinstabu d-deċiżjonijiet individwali ta' amalgamazzjoni, inklużi l-kumpanija, in-numru tal-każ, id-data u l-indiċi settorjali,

— f'forma elettronika fil-websajt EUR-Lex (http://eur-lex.europa.eu/homepage.html?locale=mt) fid-dokument li jġib in-numru 32016M7909. Il-EUR-Lex hu l-aċċess fuq l-Internet għal-liġi Ewropea.

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1.

IV

(Informazzjoni)

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Rata tal-kambju tal-euro [1]

L-10 ta' Marzu 2016

(2016/C 96/05)

1 euro =

	Munita	Rata tal-kambju		Munita	Rata tal-kambju
USD	Dollaru Amerikan	1,0857	CAD	Dollaru Kanadiż	1,4424
JPY	Yen Ġappuniż	123,87	HKD	Dollaru ta' Hong Kong	8,4299
DKK	Krona Daniża	7,4587	NZD	Dollaru tan-New Zealand	1,6277
GBP	Lira Sterlina	0,76728	SGD	Dollaru tas-Singapor	1,5013
SEK	Krona Żvediża	9,2361	KRW	Won tal-Korea t'Isfel	1 302,89
CHF	Frank Żvizzeru	1,0941	ZAR	Rand ta' l-Afrika t'Isfel	16,3640
ISK	Krona Iżlandiża		CNY	Yuan ren-min-bi Ċiniż	7,0787
NOK	Krona Norveġiża	9,2926	HRK	Kuna Kroata	7,5670
BGN	Lev Bulgaru	1,9558	IDR	Rupiah Indoneżjan	14 168,19
CZK	Krona Ċeka	27,037	MYR	Ringgit Malażjan	4,4438
HUF	Forint Ungeriż	310,01	PHP	Peso Filippin	50,581
PLN	Zloty Pollakk	4,2921	RUB	Rouble Russu	76,4370
RON	Leu Rumen	4,4585	THB	Baht Tajlandiż	38,314
TRY	Lira Turka	3,1292	BRL	Real Brażiljan	3,9720
AUD	Dollaru Awstraljan	1,4522	MXN	Peso Messikan	19,1827
			INR	Rupi Indjan	72,6645

[1] *Sors*: rata tal-kambju ta' referenza ppubblikata mill-Bank Ċentrali Ewropew.

INFORMAZZJONI MILL-ISTATI MEMBRI

Aġġornament tal-ammonti ta' referenza għall-qsim tal-fruntieri esterni, kif imsemmi fl-Artikolu 5(3) tar-Regolament (KE) Nru 562/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi Kodiċi Komunitarju dwar ir-regoli li jirregolaw il-moviment ta' persuni minn naħa għal oħra tal-fruntieri (Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen) ([1])

(2016/C 96/06)

Il-pubblikazzjoni ta' ammonti ta' referenza għall-qsim tal-fruntieri esterni, kif imsemmi fl-Artikolu 5(3) tar-Regolament (KE) Nru 562/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2006 li jistabbilixxi Kodiċi Komunitarju dwar ir-regoli li jirregolaw il-moviment ta' persuni minn naħa għal oħra tal-fruntieri (Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen) hija bbażata fuq l-informazzjoni kkomunikata mill-Istati Membri lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 34 tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen

Barra mill-pubblikazzjoni fil-Ġurnal Uffiċjali, huwa disponibbli aġġornament ta' kull xahar fuq il-websajt tad-Direttorat-Ġenerali għall-Affarijiet Interni.

SPANJA

Informazzjoni li tieħu post l-informazzjoni ppubblikata fil-ĠU C 38 tat-4.2.2015

L-Ordni tal-Ministeru tal-Presidenza (PRE/1282/2007) tal-10 ta' Mejju dwar il-mezzi finanzjarji li għandu jkollhom il-barranin biex jidħlu fi Spanja tispeċifika l-ammont li l-barranin irid ikollhom prova dwaru li jkun jinsab disponibbli lilhom sabiex ikunu jistgħu jidħlu fi Spanja.

a) Għall-ispejjeż taż-żjara tagħhom fi Spanja, l-ammont li għandu jkollhom disponibbli jrid jirrappreżenta, f'euro, 10 % tal-paga minima nazzjonali grossa (EUR 66,52) jew l-ekwivalenti legali f'munita barranija mmultiplikati bin-numru ta' ġranet li jkunu se jqattgħu fi Spanja u bin-numru ta' persuni dipendenti li jkunu qed jivvjaġġaw magħhom. L-ammont minimu għad-dispożizzjoni tagħhom irid jirrappreżenta 90 % tal-paga minima nazzjonali grossa (EUR 598,68) jew l-ekwivalenti legali f'munita barranija għal kull persuna, irrispettivament minn kemm ikun bi ħsiebhom idumu.

b) Għar-ritorn tagħhom lejn l-Istat tal-oriġini jew għat-tranżitu minn pajjiż terz, il-barranin irid ikollhom biljett f'isimhom, mhux trasferibbli u b'data fissa jew biljetti għall-mezzi ta' trasport li jkunu qed jippjanaw li jużaw.

Il-barranin irid ikollhom prova li għandhom il-mezzi biex jgħixu msemmija aktar 'il fuq jew billi juruhom jekk dawn il-mezzi jkunu flus kontanti, jew billi jipproduċu ċekkijiet iċċertifikati, ċekkijiet tal-vjaġġaturi, irċevuti jew karti ta' kreditu, li jrid ikollhom magħhom ċertifikat tal-bank riċenti (ittri mill-bank jew ċertifikati bankarji tal-Internet mhumiex aċċettabbli) jew billi jipprovdu prova oħra li turi b'mod ċar l-ammont ta' kreditu disponibbli fil-kont bankarju jew tal-karta tal-kreditu.

Lista ta' pubblikazzjonijiet preċedenti

ĠU C 247, 13.10.2006, p. 19.

ĠU C 153, 6.7.2007, p. 22.

ĠU C 182, 4.8.2007, p. 18.

ĠU C 57, 1.3.2008, p. 38.

ĠU C 134, 31.5.2008, p. 19.

ĠU C 37, 14.2.2009, p. 8.

ĠU C 35, 12.2.2010, p. 7.

ĠU C 304, 10.11.2010, p. 5.

ĠU C 24, 26.1.2011, p. 6.

ĠU C 157, 27.5.2011, p. 8.

([1]) Ara l-lista ta' pubblikazzjonijiet preċedenti fi tmiem dan l-aġġornament.

ĠU C 203, 9.7.2011, p. 16.

ĠU C 11, 13.1.2012, p. 13.

ĠU C 72, 10.3.2012, p. 44.

ĠU C 199, 7.7.2012, p. 8.

ĠU C 298, 4.10.2012, p. 3.

ĠU C 56, 26.2.2013, p. 13.

ĠU C 98, 5.4.2013, p. 3.

ĠU C 269, 18.9.2013, p. 2.

ĠU C 57, 28.2.2014, p. 1.

ĠU C 152, 20.5.2014, p. 25.

ĠU C 224, 15.7.2014, p. 31.

ĠU C 434, 4.12.2014, p. 3.

ĠU C 447, 13.12.2014, p. 32.

ĠU C 38, 4.2.2015, p. 20.

V

(Avviżi)

ATTI OĦRAJN

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Avviż dwar talba skont l-Artikolu 35 tad-Direttiva 2014/25/UE

Talba magħmula minn Entità Kontraenti

(2016/C 96/07)

Fit-2 ta' Frar 2016 il-Kummissjoni rċeviet talba skont l-Artikolu 35 tad-Direttiva 2014/25/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist minn entitajiet li joperaw fis-setturi tas-servizzi tal-ilma, l-enerġija, it-trasport u postali u li tħassar id-Direttiva 2004/17/KE ([1]). L-ewwel jum ta' xogħol wara l-wasla tat-talba huwa t-3 ta' Frar 2016.

Din it-talba qed issir minn Vapo Oy u tikkonċerna l-attivitajiet marbuta mal-isfruttament ta' żona ġeografika għall-finijiet tal-esplorazzjoni u l-estrazzjoni tal-pit tal-fjuwil fit-territorju tal-Finlandja. L-Artikolu 35 tad-Direttiva 2014/25/UE jistipula li l-aħħar Direttiva ma tapplikax meta l-attività kkonċernata tkun direttament esposta għall-kompetizzjoni fis-swieq li l-aċċess għalihom mhuwiex ristrett. Dawn il-kundizzjonijiet huma evalwati biss għall-finijiet tad-Direttiva 2014/25/UE u ma jaffettwawx l-applikazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni jew oqsma oħra tal-politiki tal-UE.

Skont il-punt 1(b) tal-ewwel paragrafu tal-Anness IV tad-Direttiva 2014/25/UE, il-Kummissjoni għandha perjodu ta' 130 jum ta' xogħol, li jibda jgħodd mill-jum ta' xogħol li hemm referenza għalih hawn fuq, biex tieħu deċiżjoni dwar din it-talba. Il-perjodu għalhekk jiskadi fit-12 ta' Awwissu 2016.

([1]) ĠU L 94, 28.3.2014, p. 243.

ISSN 1977-0987 (elektronikus kiadás)
ISSN 1725-5198 (edizzjoni stampata)

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT